19.09.2019

**Liċ-Chairperson**

**Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi**
**Kamra tar-Rappreżentanti**
**Il-Belt Valletta**

Nirreferu għal rapporti li dehru fil-midja fl-aħħar granet u ġimgħat, speċifikament is-segwenti:

https://timesofmalta.com/articles/view/mfsa-official-paid-thousands-to-leave-re-employed-weeks-later.730726; u,

https://timesofmalta.com/articles/view/new-mfsa-golden-handshake-controversy-as-chief-operating-officer-is.735986.

Dawn iż-żewġ rapporti jikkonċernaw għoti ta' flus sabiex jintemm qabel il-waqt kuntratt ta' impjieg ta' uffiċjali tal-Awtorità ta' Malta għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA). Fl-ewwel każ, il-flus ingħataw lill-uffiċjal li ftit ġimgħat wara ngħata mpjieg ieħor ma' entità pubblika li sa ftit qabel kienet tifforma parti mill-istess MFSA. L-istess uffiċjal kien responsabbli għar-riżorsi umani tal-istess MFSA. Dan iqajjem mistoqsijiet serji dwar l-użu ta' fondi pubbliċi u tmexxija tajba, iktar u iktar meta wieħed jikkunsidra li l-istess uffiċjal kien involut fit-tfassil tal-kundizzjonijiet li gawda minnhom huwa stess.

It-tieni każ wassal saħansitra biex Gvernatur tal-MFSA jippreżenta l-Qorti protest ġudizzjarju fil-konfront tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv (CEO) tal-MFSA fejn akkuża lill-istess CEO Joseph Cuschieri ta' abbuż ta' fondi pubbliċi, liema abbuż fil-fehma tal-istess Gvernatur tal-MFSA jammonta għal reat kriminali.

Bħala Kap tal-Oppożizzjoni u Kelliem għall-Ġustizzja u l-Governanza Tajba u l-Kelliema għall-Finanzi u għall-Ekonomija rispettivament inħossu li dan huwa aġir kundannabbli u għandu jiġi investigat u diskuss minnufih mill-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi. Għalhekk qegħdin inressqu din it-talba għall-kunsiderazzjoni tiegħek sabiex dan is-suġġett jitqiegħed fuq l-aġenda tal-istess kumitat.

**Adrian Delia**
**Kap tal-Oppożizzjoni u**
**għall-Kelliem għall-Ġustizzja u l-Governanza Tajba**

**Mario de Marco**
**Kelliem tal-Oppożizzjoni**
**għall-Finanzi**

**Kristy Debono**
**Kelliema tal-Oppożizzjoni għall-Ekonomija, s-Servizzi Finanzjarji u l-Innovazjoni**

Partit Nazzjonalista
Triq Herbert Ganado, Pieta PTA 1450, Malta • Tel: +356 2124 3641 • Fax: +356 2124 3640 • Email: pn@pn.org.mt
Member of the European People's Party • Member of the Christian Democrat International • Member of the International Democrat Union
www.pn.org.mt